

Brussell, 16 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15531/23

DENLEG 56  
FOOD 86  
SAN 670

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	13 ta' Novembru 2023
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D(2023)092110/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-perklorat fil-fażola ( <i>Phaseolus vulgaris</i> ) bl-imżiewed

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2023)092110/02.

Mehmuż: D(2023)092110/02



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
PLAN/2023/1986 Rev1  
(POOL/E2/2023/1986/1986R1-EN.docx)  
D092110/02  
[...] (2023) **XXX** draft

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

ta' **XXX**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-perklorat fil-fażola (*Phaseolus vulgaris*) bl-imżiewed**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

### li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-perklorat fil-fażola (*Phaseolus vulgaris*) bl-imżiewed

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/915<sup>2</sup> jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti, inkluż il-perklorat, fl-ikel.
- (2) Fit-30 ta' Settembru 2014, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel adottat opinjoni xjentifika dwar il-perklorat fl-ikel, b'mod partikolari l-frott u l-ħaxix, u kkonkludiet li l-preżenza tiegħu f'ċerti oġġetti tal-ikel, inkluża l-fażola (*Phaseolus vulgaris*) bl-imżiewed, kienet ta' tħassib għas-saħħa<sup>3</sup>.
- (3) Il-livelli massimi għall-perklorat f'firxa wiesgħa ta' ikel ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/685<sup>4</sup> u dawn il-livelli massimi ġew integrati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915. Għalkemm *data* komprensiva dwar l-okkorrenzi ma kinitx disponibbli għas-subkategoriji kollha ta' frott u ħaxix fiż-żmien meta ġew stabbiliti dawn il-livelli, ġie stabbilit livell massimu ġenerali strett għall-frott u l-ħxejjex kollha, inkluża l-fażola, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
- (4) Madankollu, *data* estensiva reċenti dwar l-okkorrenzi dwar il-livelli ta' perklorat preżenti fil-fażola turi li l-livell massimu ma jistax jintlaħaq fil-fażola (*Phaseolus vulgaris*) bl-imżiewed f'żoni ta' produzzjoni ewlenin fl-Unjoni, anki jekk jiġu applikati Prattiki tajbin.

<sup>1</sup> ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103).

<sup>3</sup> Scientific opinion on the risks to public health related to the presence of perchlorate in food, in particular fruits and vegetables. EFSA Journal 2014;12(10):3869, <https://doi:10.2903/j.efsa.2014.3869>.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/685 tal-20 ta' Mejju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tal-perklorat f'ċerti oġġetti tal-ikel (ĠU L 160, 25.5.2020, p. 3)

- (5) Għalhekk jixraq li jiżdied il-livell massimu għall-perklorat fil-fażola (*Phaseolus vulgaris*) bl-imżiewed f'konformità mal-prinċipju li l-livelli massimi għandhom jiġu stabbiliti f'livelli baxxi kemm jista' jkun raġonevolment possibbli skont prattiki tajba.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN